32006D1009

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Diċembru 2006

dwar in-non-inklużjoni tad-dimethenamid fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 6895)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/1009/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti [1], u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE jistipola li Stat Membru jista', matul perjodu ta' tnax–il sena minn notifika ta' dik id-Direttiva, jawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom is-sustanzi attivi mhux imniżżla fl-Anness I ta' din id-Direttiva li huma diġà fis-suq sentejn wara d-data ta' notifika, filwaqt li dawn is-sustanzi jkunu qegħdin jiġu eżaminati gradwalment fil-qafas ta' programm ta' ħidma.

(2) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 451/2000 [2] u (KE) Nru 703/2001 [3] jistipolaw regoli fid-dettall għall-implimentazzjoni tat-tieni stadju tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE u jistabbilixxi lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu evalwati bil-ħsieb li jiġu possibilment inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Din il-lista tinkludi d-dimethenamid.

(3) Għad-dimethenamid l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent ġew evalwati skond id-dispożizzjonijiet stipolati fir-Regolamenti (KE) Nru 451/2000 u (KE) Nru 703/2001 għal firxa ta' użi proposti min-notifikanti. Aktar minn hekk, dawn ir-regolamenti jinnominaw Stati Membri biex jirrappurtaw li jridu jressqu rapporti ta' valutazzjoni rilevanti u rakkomandazzjonijiet lill-Awtorità Ewropea Dwar is-Sikurezza ta' l-Ikel (EFSA) skond l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 451/2000. Għad-dimethenamid l-Istat Membru li jirrapporta kien il-Ġermanja u l-informazzjoni kollha rilevanti tressqet fis-16 ta' Ottubru 2003.

(4) Ir-rapport ta' valutazzjoni għadda minn reviżjoni esperta mill-Istati Membri u mill-EFSA u ġie ppreżentat lill-Kummissjoni fil-15 ta' Diċembru 2005 fil-format tal-Konklużjoni ta' l-EFSA fir-rigward tar-reviżjoni esperta dwar il-valutazzjoni tar-riskji tal-pestiċidi fis-sustanza attiva d-dimethenamid [4] Dan ir-rapport ġie rivedut mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali u ġie ffinalizzat fit-23 ta' Mejju 2006 fil-format tar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għad-dimethenamid.

(5) Matul il-evalwazzjoni ta' din is-sustanza attiva, ġew identifikati numru ta' dubji. Dan kien b'mod partikolari il-każ fir-rigward tad-destin u l-imġieba ambjentali ta' din is-sustanza attiva li tista' tirriżulta fil-kontaminazzjoni ta' l-ilma ta' taħt l-art kawża tal-formazzjoni ta' komposti mhux identifikati ta' degradazzjoni tal-ħamrija bil-possibilità ta' konċentrazzjonijiet tal-lissija medji annwali ogħla minn 0.1 μg/l. Aktar minn hekk, il-valutazzjoni tar-riskju għall-konsumatur ma tistax tiġi finalizzata minħabba nuqqas ta' *data* dwar il-prodotti tad-diżintegrazzjoni msemmija hawn fuq.

(6) Il-Kummissjoni stiednet lin-notifikant biex iressaq il-kummenti tiegħu dwar ir-riżultati tar-reviżjoni esperta u dwar l-intenzjoni tiegħu li jibqa' joffri appoġġ għas-sustanza, jew le. In-notifikant ressaq il-kummenti tiegħu li ġew eżaminati b'attenzjoni. Madanakollu, minkejja l-argumenti mressqa, il-kwestjonijiet imsemmija hawn fuq baqgħu ma ssolvewx, u l-valutazzjonijiet li saru fuq il-bażi ta' l-informazzjoni sottomessa u evalwata matul il-laqgħat ta' l-esperti ta' l-EFSA ma wrewx li jista' jkun mistenni li, fil-kondizzjonijiet ta' l-użu proposti, prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom id-dimethenamid jissodisfaw b'mod ġenerali l-ħtiġijiet stipolati fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE.

[1] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/136/KE (ĠU L 349, 12.12.2006, p. 42).

[2] ĠU L 55, 29.2.2000, p. 25. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1044/2003 (ĠU L 151, 19.6.2003, p. 32).

[3] ĠU L 98, 7.4.2001, p. 6.

[4] EFSA Rapport Xjentifiku (2005) 53, 1-73, Konklużjoni fir-rigward tar-reviżjoni minn esperti tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċida fid-dimethenamid.

(7) Għalhekk id-dimethenamid ma għandux ikun inkluż fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

(8) Għandhom jittieħdu miżuri biex jassiguraw li l-awtorizzazzjonijiet eżistenti għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom id-dimethenamid jiġu irtirati fi żmien perjodu preskritt u ma jkunux imġedda u li ma jingħatawx awtorizzazzjonijiet ġodda għall-prodotti bħal dawn.

(9) Kull perjodu fuq ir-riħ għar-rimi, il-ħażna, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-ħażniet eżistenti ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jkun fihom id-dimethenamid u li huma permessi mill-Istati Membri, għandu jkun limitat għal perjodu li ma jkunx itwal minn tnax-il xahar biex il-ħażniet eżistenti jkunu jistgħu jintużaw f'mhux aktar minn staġun ta' tkabbir ieħor biss.

(10) Din id-deċiżjoni ma tippreġudikax lil kwalunkwe azzjoni li l-Kummissjoni tista' tieħu fi stadju aktar tard għal din is-sustanza attiva fi ħdan il-qafas tad-Direttiva tal-Kunsill 79/117/KEE tal-21 ta' Diċembru 1978 li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jkun fihom ċerti sustanzi attivi [1], kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 850/2004.

(11) Din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax lis-sottomissjoni ta' applikazzjoni għad-dimethenamid skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 (2) tad-Direttiva 91/414/KEE fid-dawl ta' inklużjoni possibbli fl-Anness I tagħha.

(12) Il-miżuri stipolati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-dimethenamid m'għandux jiġi inkluż bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi:

(a) Awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dimethenamid jiġu rtirati sat-22 ta' Ġunju 2007.

(b) Mit-28 ta' Diċembru 2006 l-ebda awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jkun fihom id-dimethenamid ma tingħata jew tiġġedded taħt id-deroga stipolata fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE.

Artikolu 3

Kull perjodu ta' żmien fuq ir-riħ mogħti mill-Istati Membri skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 91/414/KEE, għandu jkun qasir kemm jista' jkun u għandu jiskadi sa mhux iktar tard mit-22 ta' Ġunju 2008.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 22 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 33, 8.2.1979, p. 36. Direttiva hekk kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7, ikkorreġut bil-ĠU L 229, 29.6.2004, p. 5).